Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Geoffrey Mifsud

vs

Pro Concept Ltd (C 30052)

CCT 33/24/CC

Illum 29 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-13 ta' Frar 2024, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' €9,500 (disat elef u hames mitt ewro) rapprezentanti ammont imhallas mir-rikorrenti ghal mobbli ordnati minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn preliminarjament, gew eccepiti diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari.

Illi in succint, l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta intimata huma s-segwenti:

1. L-azzjoni attrici hija irrita u nulla in kwantu ma gewx osservati l-provvedimenti tal-Artikolu 79 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li sabiex l-attur ikun jista jikseb ir-rimedju minnu mitlub huwa kellu jibghat interpellazzjoni b'mezz durabbli fi zmien xahrejn minn meta intebah bin-nuqqas ta' konformita minnu pretiz.
2. Illi l-attur ghandu jikkjarifika x'azzjoni huwa qieghed jittanta in kwantu l-avviz huwa wiehed neboluz u ma jirrizultax liema hu r-rimedju mitlub, b'dan li ghalhekk il-prezenti eccipjenti m'ghandix il-jedd li thejji d-difiza effettiva u ghalhekk qieghda tirriserva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri kemm -il darba jigu ccarati l-binarji ta' l-azzjoni.
3. L-istanza attrici tista tinftiehem li hija azzjoni *aestimatoria* jew *redhibitoria,* l-azzjoni hija perenta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. L-eccipjent Jeffrey Muscat fil-kapacita tieghu personali m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika, la diretta u lanqas indiretta, ma' l-attur b'dan li l-pretensjonijiet tal-attur jikkoncernaw materja u kwestjonijiet li l-prezenti

eccipjenti m'ghandu l-ebda kapacita processwali li jirrispondi u/jew jirrimedja ghaihom kif domandat mill-istess attur.

5. Illi sabiex ikun jista jinqeda bir-rimedju minnu pretiz l-attur kellu jiddepozita taht l-Awtorita tal-Qorti l-mobbli *de quo agitur*. Kemm -il darba hu naqas milli jaghmel dan, mhux koncess lilu li jipprocedi bl-odjerna azzjoni u dan skond l-insenjamenti kostanti tal-Qrati nostrana.
6. Illi r-rimedju mitlub huwa wiehed sproporzjonat u mhux moghti lil attur li jzomm il-mobbli *de quo agitur* izda jitlob ukoll rifuzjoni tal-valur kwazi shih tal-istess, b'dan li kemm -il darba jsir hekk huwa jkun qieghed jarrikixxi ruhhu b'mod indebitu a skapitu ta' l-eccipjenti.
7. Illi r-rimedju mitlub huwa wkoll wiehed sproporzjonat in kwantu huwa possibbli ghal eccipjenti li toffri r-rimedji ta' tiswija u/jew rimpjazzar fi zmien ragjonevoli u minghajr inkonvenjenza sinjifikanti a tenur ta' l-Artikolu 76 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Illi ghalkemm l-eccipjenti ssostni li ma kien hemm ebda nuqqas ta' konformita materjali fil-mobbli *de quo agitur* hija xorta wriet il-massima tal-*bouna fede* u ttenat tirrimedja ghal lanjanzi fiergha ta' l-attur anki billi offra rimedji li kienu jmorru lil hinn mill-obbligi taghha skond il-Ligi, b'dan li l-attur wera nuqqas ta' kooperazzjoni sabiex jittenta jarrikixxi ruhu indebitament a skapitu tal-eccipjenti.

Ra li fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2024, il-konsulenti legali tal-partijiet trattaw uhud mill-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta intimata, b'dan li irrizulta li t-tieni, t-tielet, u r-raba' eccezzjonijiet gew sorvolati.

Ra li ai termini tal-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2024, il-partijiet awtorizzaw lil dan it-Tribunal sabiex jaghddi ghad-decizjoni rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ser jaghddi sabiex tigi ttrattata l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata qieghda tibbaza l-ewwel eccezzjoni preliminari fuq l-Artikolu 79 tal-Kapitolu 378 tal-Ligjiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:

> *Sabiex jibbenefika mir-rimedji disponibbli taht din it-Taqsima, il-konsumatur ghandu jinnotifika lill-bejjiegh fuq mezz durabbli dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformita f'perjodu ta' mhux inqas minn xahrejn mid-data li fiha l-konsumatur ikun induna b'tali nuqqas ta' konformita.*

Illi rigward *'mezz durabbli'* jirrizulta li ai termini ta' l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ligi taghti s-segwenti deskrizzjoni:

> *kwalunkwe strument li jippermetti li l-konsumatur jew il-bejjiegh jahzen informazzjoni indirizzata personalment lil dik il-persuna b'mod li hu accessibbli ghal referenza futura, ghal perjodu ta' zmien adegwat ghal skopijiet tal-informazzjoni, u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni mahzuna*

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, senjatament mix-xhieda *viva voce* ta' l-attur Geoffrey Mifsud, jirrizulta li huwa gibed l-attenzjoni tas-socjeta intimata rigward difett fil-mobbli akkwistati minnu permezz ta' sms li nbaghat fid-29 ta' Awwissu 2021. Dan il-messagg gie ipprezentat seduta stante permezz ta' dokument immarkat bhala Dokument GM1, u li tirrizulta d-data ta' l-istess messagg fuq l-istess dokument.

Illi l-attur jispjega wkoll li huwa baghat il-messagg madwar gimgha u nofs wara li saret l-instalazzjoni ta' l-ghamara. Dan il-punt ma giex kontradett mis-socjeta intimata, u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita li l-messagg intbaghat proprju madwar gimgha u nofs wara li saret l-instalazzjoni ta' l-ghamara. Isegwi li l-attur gibed l-attenzjoni tas-socjeta intimata fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 79 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda avvanzata mill-attur, u fid-dawl ta' tali xhieda, l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata qieghda tigi rigettata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata u jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru